KLR 72/VII/2019

Minuti tal-laqgħa li nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex nhar it-Tnejn 18 ta' Frar 2019 fis-19.30.

PREŻENTI: Is-Sindku Dott. Samuel Azzopardi, il-Viċi Sindku Josef Schembri, il-membri Joseph Debrincat, Michel Buttiġieġ, Anthony Briffa u Marcel Tabone u s-Segretarju Eżekuttiv Miriam Attard.

SKUŻATA: Il-membri Maria Portelli.

Il-Kunsill aċċetta l-ittri ta' apoloġija tal-membru skużat.

**72.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

Wara t-talba ġew approvati l-minuti ta' l-aħħar żewġ laqgħat.

**72.2 Mozzjonijiet f'isem il-membri**

Mozzjoni numru 26 ġiet mressqa mill-kunsillier Michel Buttigieg u ssekondata mis-Sindku.

**Mozzjoni Numru 26**

**Wara li smajt suġġeriment ta' resident waqt il-laqgħa tal-lokalita' sabiex jonqsu nġenji kbar miċ-Ċentru tar-Rabat, qed nissuġġerixxi biex bħal ma għamel il-Kunsill ta' Bormla, bħala Belt napplikaw għall-fondi mill-Ministeru tat-Trasport biex jinxtraw karozzi jaħdmu bil-batteriji. Dawn ikunu jintużaw mingħajr ħlas mir-residenti fiċ-Ċentru tar-Rabat. B'hekk inkunu qed innaqqsu vetturi kbar u nnaqsu ħafna dħaħen miċ-Ċentru ta' Beltna.**

Il-membri qablu ma din il-mozzjoni.

Mozzjoni numru 27 giet imressqa mill-kunsillier Joseph Debrincat u ssekondata mis-Sindku.

**Mozzjoni Numru 27**

**Permezz ta' din il-mozzjoni nixtieq nissuġġerixxi biex il-Kunsill Lokali tagħna jagħti rikonoxximent lill-kantanta wild ir-Rabat, Għawdex, Michela Pace tal-unur li għamlet kemm għalijha personali w anke' r-Rabat u Ghawdex, tas-suċċess li għamlet fl-ewwel program tal-'X Factor' li sar għal-ewwel darba ġewwa Malta. Nissuġġerixxi li l-kantanta tiġi mistiedna biex iżżur il-Kunsill fil-presenza tal-membri u staff u tingħata plakka kommemorattiva.**

Il-membri qablu ma din il-mozzjoni. Filfatt il-Kunsill diġa' kkuntatja lil omm il-kantanta sabiex tinstab data biex jingħata dan ir-rikonoxximent. Il-Kunsill ġie mitlbub jikkuntatja lill-*Public Broadcasting Authority* (PBS) peress li l-PBS tieħu ħsieb l-appuntamneti tal-kantanta.

**72.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

Is-Sindku għarraf lill-membri li:-

72.3.1 l-bord ta' evalwazzjoni kkonkluda fir-rigward tal-offerta għar-restawr tan-niċċa tal-Madonna ta' Loreto fi Triq Għajn Qatet. Il-membri qablu li jieħdu l-parir tal-bord u l-offerta tingħata lil Carmel Portelli li offra l-prezz ta' €6,800;

72.3.2 l-offerta tal-ġbir tal-iskart doemstiku intefgħet biss minn KIP. Il-bord tal-evalwazzjoni bagħat ir-rapport tiegħu. Dan il-bord hu tal-parti li l-offerta ma tingħatax peress li l-KIP ma kinitx *technically complaint* minħabba li vettura milli tintuża mhix skont il-kriterji tal-GPP. Il-membri qablu li din l-offerta ma tingħatax u allura trid tinħareġ offerta oħra;

72.3.3 rigward kont tal-ARMS fuq żewġ *CCTV Cameras* fil-*playing field* ta' Triq taħt Putirjal. L-Avukat tal-Kunsill kienet kitbet lill-ARMS rigward l-istess kont. Ilu, l-Kunsill kien fetaħ kont minħabba żewġ *floodlights* li issa m'għadhomx hemm. Il-kont in kwistjoni qed jagħjat fuq żewġ *CCTV cameras* li l-Kunsill qatt ma poġġa u l-konsum għadu qed jiżdied. Il-parir tal-Avukat hu li dan jinqata' sabiex l-imgħax ma jibqax jiżdied. Il-membri qablu, w anke' minħabba l-fatt li jekk il-Kunsill ikollu bzonn jagħmel xi tip t'applikazzjni għall-metre ġdid fil-*playing field*, ma jinstabux ostakoli minħabba li dan il-kont jibqa' pendenti;

72.3.4 l-Awtorita' tal-Ippajanar talbet li l-Kunsill jagħmel *visual rendering* tal-proposti li qed jiġu mressaq fuq l-applikazzjoni li l-Kunsill għamel biex tinbidel l-*area* għall-imwejjed u s-siġġijiet fi Pjazza San Ġorġ. Il-Kunsill ser jara din kemm tiġi tiswieħ qabel tiġi ordnata;

72.3.5 wħud mill-bejjiegħa tal-monti ressqu Appell numru 173/20018AE fil-Qorti tal-Appell, Sede Inferjuri (Għawdex).

**72.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

Tressqet korrispondenza mingħand:-

72.4.1 Id-Dipartiment għal-Gvern Lokali rigward:-

72.4.1.i inizjattiva ta' Għajnuna għall-korsijiet *Lifelong Learning* 2019/2020;

72.4.1.ii kors bl-isem 'It-tqassim tal-ħin u l-flus għall-ġid ta' saħħtek', iffinanzjat mill-PWC b'kollaborazzjoni mad-Dipartiment tas-saħħa Pubblika;

72.4.1.iii fond għaż-żamma u l-manutenzjoni ta' proġetti infrastrutturali maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali;

72.4.1.iv proċedura għall-għażla ta' skema awtorizżata tal-ġbir ta' skart riċiklat;

72.4.1.v għażla ta' *Data Protection Officer* fil-Kunsilli Lokali. Kif suġġerit fil-komunikat tad-Dipartiment u billi dan l-irwol ma jistax jiġi assunt mis-Segrearju Eżekuttiv, il-Kunsill ħatar lil Odette Camilleri peress li hi l-uffiċċjal fil-grad ta' wara s-Segretarju Eżekuttiv;

72.4.2 l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali rigward:-

72.4.2.i il-*membership* fil-*European Cities Against Drugs.* Il-membri qablu li l-Kunsill jissieħbu u jkunu membri tal-ECAD;

72.4.2.ii proposta għall-postijiet fejn ser isiru *charging pillars* għall-vetturi li jaħdmu bl-elettriku. Il-Kunsill jaqbel mal-proposta pero' mhux li jkun hemm spazji quddiem djar residenzjali;

72.4.3 il-Ministeru għal Gaħwdex rigward l-attivita' *Gozo Alive* 2019;

72.2.4 il-LESA fejn intalbu suġġerimenti sabiex jiġu nstallati *speed cameras*. Żmien ilu il-Kunsill kien qabel li jsiru *speed cameras* fi Triq Papa Ġwanni Pawlu II, u dan is-suġġeriment reġa' tressaq lill-LESA;

72.4.5 ir-Reġjun Għawdex rigward proposta biex jitwaqqaf monument li jirrapreżenta kemm lir-Reġjun Għawdex u lill-Kunsilli Lokali fi ħdanu. Wara diskussjonijiet maċ-*Citdella Management Committee,* kien hemm qbil li dan isir fil-Foss taċ-Ċittadella. Il-membri qablu mal-proposta;

72.4.6 l-Avukat Joshua Grech li kiteb għan-nom ta' Tiġrija Palazz rigward l-iskular tal-ilma mill-latrina ta' Triq taħt Putirjal. L-Avukat tal-Kunsill kitbet lura fejn wriet li l-Kunsill lest li jirranġa l-latrina bil-intiża ċara li l-Kunsill ma jiġix mitlub bl-ebda' mod iħallas jew jagħmel tajjeb għal xi danni oħra;

72.4.7 il-kumpanija *Faces* rigward *bus shelters* fir-Rabat;

72.4.8 is-Segretarju tas-Soċjeta' Filarmonika Leone fejn talab li *Leone Goes Pop* issir fis-6 ta' Ġunju 2019. Il-membri ma sabux oġġezzjoni, peress li għal din is-sena jmiss li s-Soċjeta' Filarmonika La Stella tgħażel id-data l-ewwel, li għażlet li *Rock Astra* ssir fit-8 ta' Ġunju 2019.

**72.5 Approvazzjoni tal-*Financial Statements* 2018**

L-*accoountant* tal-Kunsill ġie misteiden jidħol fil-kamra. Hu spejga d-dettalji kollha tal-*financial statements* għas-sena 2018. Dawn ġew approvati skond dokument A anness.

**72.6 Pjazza Santu Wistin**

Is-Sindku għarraf lill-preżenti li l-Awtorita' tal-Ippjanar talbet laqgħa mal-Perit rigward l-unika diffikulta li hemm fir-rigward tal-finanzjament mill-*Urban Improvement Fund*. Dan il-fond m'għadux ikopri xogħol ta' tarmak. Il-membri qablu li jekk il-Kunsill m'għandux fondi għat-tarmak, dan ma jsirx.

Is-Segretarju Eżekuttiv għarrfet lill-preżenti li l-offerta għall-pavimentar intefgħet min żewġ kuntratutri u l-offerta tad-dawl intefgħet minn kuntrattur wieħed li tefgħa tlett opzjonijiet. Dawn l-offerti jinsabu fi stadju ta' aġġudikazzjoni.

Tressqet emejl mill-Perit fejn bagħat l-aħħar verżjoni tat-*traffic management* hekk kif qed jiġi mitlub minn *Transport Malta* (TM) skont ir-rekwiżiti tal-awtorita'.

**72.7 Immaniġjar tat-Traffiku**

72.7.1 *Transport Malta* (TM) għarrfet lill-Kunsill li twaqfet sezzjoni ġdida - *Stakeholders Relations* bil-għan li tkompli ttejjeb is-servizzi. Ilmenti relatati ma TM għandhom jiġu ndirizzat lil din it-taqsima.

72.7.2 TM resqet proposta sabiex jiġu nstallati 108 *charging pillars* f'lokalitajiet varji f'Malta u Għawdex. Il-Kunsill jaqbel li jsiru dawn ic-*charging pillars* basta ma jkunux quddiem djar residenzjali.

TM ħarġet permess għall-:-

72.7.3 *one metre double yellow lines* mal-garaxx ta' Palos Verdes' fi Triq Partri Giacintu Camenzuli;

72.7.4 *one metre double yellow lines* mal-garaxx ta' 'Fleur d'Or' fi Triq Forn il-Ġir;

72.7.5 *double yellow lines* fil-kantuniera ta' Triq il-Madonna tal-Ġilju u Triq Patri Manuel Magri;

Il-Kunsill ser jitlob il-permess ta' TM għall:-

72.7.6 *un/loading bay* quddiem il-ħanut 'Trilogy of Wellbeing Ltd.' fi Triq Santa Martha;

72.7.7 *one metre double yellow lines* mal-garaxx ta' 179, 'St. John Flats', fi Triq Għajn Qatet;

72.7.8 *parking bays* fejn il-*blocks* tal-flats L, D, EB u C f'taċ-Ċawla H.E.;

72.7.9 *yellow lines quddiem* 21 u 40 fi Triq Librerija;

72.7.10 parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilita' sabiex persuni li għandhom il-*blue sticker* ikunu jistgħu jinqdew mill-ħwienet, ufficċini u stabilimenti ta' Triq Santa Martha;

72.7.11 *sleeping policeman* jew *pedestrian crossing* fi Triq Satna Dminka qrib Triq Kappillan Hili fil-Fontana. Dan wara suġġeriment mill-Kunsill tal-Fontana;

72.7.12 parkeġġ riservat waqt il-ħin tal-iskola quddiem l-iskola primarja ta' Triq Vajrinġa. Dan wara talba mill-iskola stess.

**72.8 Tarmak fi Triq Ġorġ Pisani**

Il-membri ġew mgħarrfa li intefgħu żewġ offerti għal dan ix-xogħol. Dawn jinsabu fil-fażi ta' aġġudikazzjoni.

**72.9 Approvazzjoni tal-minuti tal-Laqgħa tal-Lokalita'**

Tressqu l-minuti tal-laqgħa tal-lokalita' li saret nhar it-Tnejn 21 ta' Jannar 2019. Dawn skond dokument B anness. Il-membri qablu li fir-rigward tal-proġett *Gotocar Sharing*, il-kusnill għandu jissuġġerixxi li l-parkeġġi li ttieħdu minn Triq Repubblika jitneħħw u minflok isiru ftit l-isfel quddiem l-iskejjel fi Triq Fortunato Mizzi.

**72.10 Estmi 2019**

L-estmi ser jitressqu fil-laqgħa li jmiss.

**72.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskedi ta' pagamenti**

Ġew approvati l-pagamenti għax-xahar ta' Frar 2019 skont dokument Ċ anness.

**72.12 Xogħolijiet oħra**

Il-membri qalbu li:-

72.12.1 jsir it-tqaxxir bit-tarmac neċċessarju quddiem ir-residenza ta' Joseph Gatt fi Triq it-8 ta' Diċembru. Dan minħabba li t-triq taqleb lejn din id-dar. B'dan it-tqaxxir l-ilma jkun jista jaqleb għan-nofs ta-triq. Dan wara li ġie konsultat il-Perit;

72.12.2 jsiru *fitness classes* b'xejn fl-ispazju miftuħ tal-playing field. Dan wara li ġie suġġerit minn Yanica Bonnici;

72.12.3 il-kunsill jgħin fil-loġistika ta' 'Gaulitana : A Festival of Music' li ser isir bejn Marzu u April, il-musical 'Joseph' li ser isir fit-Teatru Astra fl-aħħar ta' Marzu u 'Science in the Citadel' li ser isir fl-aħħar t'April.

**72.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa spiċċat fid-21.30 u laqgħa oħra ser issir nhar il-Ġimgħa 22 ta' Marzu 2019 fis-19.30.

Av. Samuel Azzopardi
Sindku

Miriam Attard
Segretarju Eżekuttiv